MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-17 ta' April, 2015

Citazzjoni Numru. 379/2011

**Adrian Agius**

**Vs**

**Steve Magro; Malcolm Buttigeg; u Dylan Muscat**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fil-15 ta' April 2011, l-attur ippremetta u talab:-

*1. Illi nhar l-24 ta' April 2010 waqt li huwa kien gewwa stabbiliment f'Paceville, San Giljan, huwa kien vittma ta' aggressjoni fizika, illegali, ingusta u vjolenti fuq il-persuna tieghu konsegwenza ta' liema huwa garrab griehi ta' natura gravi u permanenti kif gie debitament iccertifikat;*

*2. Illi minn investigazzjoni l-aggressuri tal-esponent kienu l-intimati Steve Magro, Malcolm Butigieg u Dylan Muscat;*

*3. Illi sussegwentement it-tlett intimati gew imressqa quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali mixlija inter alia bil-feriment gravi fuq il-persuna tal-esponent;*

*4. Illi b'sentenza ta' l-istess Qorti tal-20 ta' Mejju 2010, u fuq ammissjoni volontarja tat-tlett intimati hemm akkuzati, huma gew misjuba hatja talli bil-hsieb li jikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha tal-esponent Adrian Agius, ikkagunawlu feriti ta' natura gravi fuq il-persuna tieghu;*

*5. Illi ghalhekk l-esponent sofra danni minhabba l-agir abbuziv u llegali tal-intimati kosistenti fi griehi li sofra l-esponent fl-incident de quo li jikkostitwixxu dizabilta' permanenti fis-sahha u l-funzjoni tal-gisem tieghu hekk kif gie stabbilit mit-tobba kuranti tieghu;*

*6. Illi minkejja illi l-intimati gew debitament interpellati sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u ghall-eventwali hlas tad-danni sofferti mill-esponent bhala konsegwenza tal-agir kriminali taghhom, dawn baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha tigi proposta din it-talba;*

Għaldaqstant, l-attur jitlob għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi ghall-incident li sehh nhar l-24 ta' April 2010 gewwa stabbiliment f'Paceville San Giljan fejn l-esponent gie aggredit vjolentement mit-tlett intimati, kienu unikament responsabbli t-tlett intimati jew min minnhom;*

*2. Tiddikjara u tiddeciedi illi bhala konsegwenza ta' l-imsemmi incident, ir-rikorrenti Adrian Agius sofra danni konsistenti f'dizabilta' permanenti fuq il-persuna tieghu;*

*3. Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrent bhala konsegwenza tal-imsemmi incident u dan okkorrendo l-operat ta' periti nominandi;*

*4. Tikkundanna lill-intimati in solidum bejnithom ihallsu lir-rikorrent dik is-somma hekk likwidata.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 10 ta' Gunju 2010, bl-imghax legali u bl-intimati ngunti in subizzjoni.*

Permezz ta' risposta prezentata fit-22 ta' Dicembru 2011, il-konvenuti Nazzareno u Maria Sonia konjugi Muscat in rapprezentanza ta' binhom minuri Dylan Muscat u tal-istess Dylan Muscat, wiegbu:-

*1. Illi preliminarjament fl-ewwel lok, Nazzareno u Maria Sonia konjugi Muscat ma ghandhomx jirrispondu ghat-talbiet kif maghmula mir-rikorrenti u dan stante li Dylan Muscat illum huwa maggorenni u allura ghandu l-kapacita' legali jirrispondi personalment ghat-talbiet tar-rikorrenti fil-kawza odjerna u ghalhekk dina l-kawza ghandha tigi ceduta fil-konfront taghhom bl-ispejjes kontra l-istess rikorrenti*[1]*;*

*2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, Nazzareno u Maria Sonia konjugi Muscat mhumiex responsabbli ghall-pretenzjonijiet mressqa mir-rikorrenti u dan ghaliex huma ma kienux presenti waqt li sehh l-allegat incident u ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti kif maghmula fil-konfront taghhom ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess rikorrenti;*

*3. Illi dejjem minghajr pregudizzju l-proceduri kriminali huma proceduri indipendenti minn kwalsiasi proceduri civili u ghalhekk dak li hemm fil-process kriminali, anke jekk hemm ammissjoni, ma jikkostitwix prova konkluzziva ghall-mertu ta' dina l-kawza;*

*4. Illi fir-raba' lok u dejjem minghajr pregudizzju, Dylan Muscat ma kkaguna ebda ferita fuq ir-rikorrenti Adrian Agius li kien responsabbli wkoll tal-allegat incident li fiha sehhet l-allegata aggrezzjoni fejn Dylan Muscat kien presenti u ghalhekk ma ghandux jirrispondi ghat-talbiet kif maghmula mir-rikorrenti;*

*5. Illi minghajr pregudizzju ghal dak li diga' nghad mhux minnu li Adrian Agius sofra xi debilita' jew disabilita' permanenti b'rizultat tal-allegat incident;*

Permezz ta' risposta prezentata fit-8 ta' Marzu 2012, il-konvenut Malcolm Buttigieg, wiegeb:-

---

[1] In vista tal-korrezzjoni li ser tordna l-qorti, din l-eccezzjoni ma tibqax valida. F'kull kaz mir-rikors guramentat hu car li l-attur ma harrikx personalment lill-genituri ta' Dylan Muscat.

*1. Illi l-konvenut ma jahtix ghall-akkadut minhabba li l-agir tieghu gie pprovokat minn aggressjoni ta' l-atturi stess;*

*2. Illi, minghajr pregudizzju, l-attur ma sofra l-ebda danni u dan kif se jigi trattat waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza.*

Il-qorti semghet il-provi u rat l-atti li jinkludu nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut Muscat.

**Kwistjoni**.

Il-kaz jitratta dwar incident li sehh f'Paceville fl-24 ta' April 2010. L-attur jallega li dakinhar gie aggredit mill-konvenuti u sofra debilita' permanenti. Ghalhekk harrek lill-konvenuti ghad-danni.

**Konsiderazzjonijet**.

1. Fl-ewwel lok mill-atti jirrizulta li l-konvenut Dylan Muscat hu maggorenni. Ghalhekk m'hemmx lok li jibqa' rapprezentat mill-genituri tieghu. Ghaldaqstant, il-qorti tordna korrezzjoni fl-okkju fis-sens li jithassru l-ismijiet tal-genituri tieghu.

   Ghal dak li jikkoncerna l-eccezzjoni li Nazzareno u Maria Sonia konjugi Muscat m'humiex responsabbli ghal dak li gara, mir-rikors guramentat ma jirrizultax li l-genituri ta' Dylan Muscat tharrku personalment. Ghalhekk it-tieni eccezzjoni nghatat bla bzonn.

2. B'sentenza tal-20 ta' Mejju 2010 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabet lill-konvenuti hatja li:-

   *"1. Nhar l-24 ta' April 2010, ghal habta tas-sitta, gewwa Paceville f'San Giljan, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra, jew gabulha dizordni f'mohha u cioe' hebbew ghal Adrian Agius u kkagunaw feriti ta' natura gravi fuq l-imsemmi persuna skond kif gie ccertifikat mit-tobba tal-Isptar Mater Dei;*

*2.U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra, jew gabulha dizordni f'mohha u cioe' hebbew ghal James Gafa' u kkagunaw feriti ta' natura hafifa fuq l-imsemmi persuna skond kif gie ccertifikat mit-tobba tal-Isptar Mater Dei".*

Il-konvenuti ammettew l-imputazzjonijiet.

3. Il-kontendenti taw verzjonijiet kontrastanti. Madankollu l-qorti ma tistax ma tatix affidament lill-ammissjoni cara u minghajr rizervi li l-konvenuti rregistraw fil-proceduri kriminali. Il-konvenuti ammettew li hebbew ghall-attur u kkagunawlu griehi ta' natura gravi. Fil-fehma tal-qorti din hi l-ahjar prova. Hu veru li l-Artikolu 6 tal-Kodici Kriminali jipprovdi:

*"L-azzjoni kriminali u l-azzjoni civili jitmexxew indipendentement wahda mill-ohra".*

Pero' b'daqshekk ma jfissirx li ammissjoni li saret f'process kriminali ma tistax isservi bhala prova fil-proceduri civili. Din hi konfessjoni. F'dan ir-rigward issir riferenza ghas-sentenza ta' din il-qorti[2] fil-kawza **Joseph Manche' vs Mary Butler et** tal-11 ta' Mejju 1957 (Vol. XLI.i.744), fejn gie osservat:-

*".... Il-verbal tal-ammissjoni tal-imputazzjoni, li hemm fl-inkartament kriminali, kien jikkostitwixxi prova, mhux bhala prova in sedi kriminali, estensibbli ghall-gudizzju civili, imma bhala konfessjoni; bl-istess mod kif kienet tkun producibbli bhala prova konfessjoni bil-miktub maghmula band'ohra, jew anki konfessjoni verbali".*

Il-qorti tosserva wkoll li:-

i. L-uniku eccezzjoni fil-meritu li nghatat mill-konvenut Dylan Muscat kienet li hu ma kkaguna l-ebda ferita fuq l-attur. Pero' dan il-konvenut xehed: *"..... xejjirt daqqa ta' ponn lil Adrian Agius. Dan f'dak il-hin rajtu jaqa' mal-art....."* (fol. 86). L-eccezzjoni hi ghal kollox barra minn lokha. L-attur ma qamx mill-art u sahansitra minhabba l-griehi li sofra spicca fil-periklu tal-mewt. Inoltre, Dylan Muscat ma jistax jipprova jiehu xi beneficcju minn eccezzjoni li nghatat minn konvenut iehor li hi personali ghalih biss. Jinghad ukoll li ghalkemm dan il-konvenut xehed:

   *"Jien kif rajt li Agius kien aggressiv hafna hsibt li jekk mhux ha niddefendi ruhi mill-ewwel maghhom kont nigi msawwat u aggredit jien mill-istess Agius";*

[2] Imhallef W. Harding.

m'hemmx provi li l-attur kellu xi jghid ma' dan il-konvenut. Ghall-qorti hu evidenti li d-daqqa ta' ponn li ta dan il-konvenut m'ghandha x'taqsam xejn ma stat ta' biza'. Tant ma kellux biza' fuqu li wara li l-attur spicca fl-art mitluf minn sensieh, flimkien mal-konvenut Magro dahar ghal fuq James Gafa'. Dan apparti li l-konfessjoni tieghu waqt il-process kriminali tikkontradici l-verzjoni li ta li sawwat lill-attur ghaliex beza' li kien ser jissawwat.

ii. Da parti tieghu l-konvenut Buttigieg allega li l-incident gie pprovokat mill-attur. Hu veru li fl-istqarrija li l-konvenuti taw lill-pulizija qalu li l-incident inqala' minhabba li l-attur kien ta fastidju lil tfajla li kienet fil-kumpannija ta' Buttigieg u li kien l-attur li l-ewwel ipprova jaghti daqqa ta' ponn lil Buttigieg. Jista' jkun li l-attur ta fastidju lil din it-tfajla, ghalkemm il-qorti kienet tistenna li l-konvenuti jressquha bhala xhud sabiex tikkorabora l-verzjoni taghhom. Madankollu l-qorti m'ghandhiex dubju li wkoll jekk ghall-grazzja tal-argument l-attur ta fastidju lit-tfajla li kienet fil-kumpannija ta' Buttigieg, ir-reazzjoni tal-konvenuti kienet ghal kollox barra minn lokha. Hu evidenti li l-konvenuti marru jikkonfrontaw lill-attur u fittxew glieda. Sahansitra wara li l-attur spicca fl-art mintluf minn sensieh, tnejn minnhom dahru ghal James Gafa li kien fil-kumpannija tal-attur u sawwtuh[3]. Agir li jkompli jsahhah il-fehma tal-qorti dwar l-atteggjament bellikuz tal-konvenuti. Dan apparti li:-

- Il-konfessjoni volontarja li Buttigieg u shabu ghamlu waqt il-proceduri kriminali u li hi prova kontra taghhom; u
- s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

huma fihom infushom ammissjoni tar-responsabbilta' tal-konvenuti.

4. Jidher li fid-data tal-incident l-attur kellu 29 sena. Skond il-perit mediku Dr Charles Swain:

*"Il-feriti li garrab Adrian Agius fl-incident tal-24 ta' April 2010 kienu ta' natura gravi u setghu poggewh fil-periklu tal-mewt. Fortunatament irkupra relattivament malajr u kwazi ghal kollox. Illum jista' jaghmel kwazi kull ma seta' jaghmel qabel l-incident. Hemm perjodu definit ta' post-traumatic amnesia u evidenza mill-CAT scan tal-1 ta' Lulju li hemm xi kambjamenti atrofici fil-parti frontali tal-mohh. Is-sintomi ta' positional vertigo huma*

[3] Ara ritratti A1, A2 u A3. Ghalkemm waqt is-smiegh tal-provi nghata x'jifhem li r-ritratti juru l-aggressjoni fuq l-attur, fir-ritratt A2 tidher persuna fl-art. L-ispettur tal-pulizija li nvestiga l-kazipprezenta filmat li ttiehed minn hanut fejn sehh l-incident. Ghal dak li jirrigwarda l-attur kull ma jidher hu jaqa' lura fl-art u ma jiccaqlaqx. Hu evidenti li ntilef minn sensieh.

*kredibbli. Ghalhekk, fl-opinjoni tieghi, Adrian Agius ghandu dizabilita permanenti ta' 5% (hamsa fil-mija)"* (fol. 40).
Hadd mill-partijiet ma kkritika l-konkluzjoni tal-perit mediku.

Fiz-zmien l-incident l-attur kellu salarju ta' €14,368 (fol. 36). Is-sena ta' wara s-salarju kien ta' €16,446 (fol. 37). Ma jirrizultax x'salarju ghandu llum il-gurnata. Il-qorti ser taghmel il-kalkoli fuq salarju ta' €18,000[4]:

€18,000 x 28 sena = €504,000 x 5% = €25,200 – 16% (*lump sum payment*) = **€21,168**.

5. B'applikazzjoni tal-Artikolu 1049(1) tal-Kodici Civili, il-konvenuti huma solidalment responsabbli (ara wkoll sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza **M. Xerri vs J. Rapa et** deciza fit-28 ta' Gunju 2012). Ghalkemm il-konvenut Buttigieg sostna li ma kienx hu li ta d-daqqa ta' ponna li wasslet biex l-attur jispicca fl-art mitluf minn sensieh, mill-provi rrizulta kif hu kien percimes daqs iz-zewg shabu l-ohra fl-aggressjoni lill-attur.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:-**

1. **Tichad l-eccezzjonijiet fil-meritu ta' Buttigieg u Dylan Muscat[5].**
2. **Tilqa' t-talbiet tal-attur u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu solidalment bejniethom s-somma ta' wiehed u ghoxrin elf mija u tmienja u sittin ewro (€21,168), bl-imghax mil-lum. Spejjez a karigu tal-konvenuti *in solidum*.**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------

[4] Din ic-cifra tiehu in konsiderazzjoni l-awment fis-salarju matul is-snin.
[5] L-ewwel eccezzjoni hi ezawrita gialadarba l-qorti ordnat korrezzjoni.